# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' April, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 533/2017/1 FDP**

**Dimbros Limited (C 32506)**

**v.**

**Philip Agius & Sons Limited (C 35991**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija attriċi Dimbros Limited kontra deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta' Frar, 2020, fejn din ċaħdet it-talbiet kollha tagħha sabiex il-kumpanija konvenuta tħallasha d-danni dwar asfalt li l-kumpanija attriċi xtrat mingħandha, liema asfalt allegatament ma kienx tal-kwalità miftiehma bejniethom.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-13 ta' Ġunju, 2017, il-kumpanija attriċi fissret li hija xtrat diversi konsenji ta' materjal ta' asfalt mingħand il-kumpanija konvenuta sabiex tużahom fi proġetti ta' numru ta' entitajiet tal-Gvern, fosthom Transport Malta. Tenniet li wara li rċeviet dan il-materjal, hija rriżultalha li dan ma kienx tal-kwalità mitluba minnha u lanqas kien jilħaq il-livell meħtieġ minn Transport Malta. Minħabba f'hekk, hija tgħid li kellha tħabbat wiċċha ma' diversi ilmenti mill-entitajiet li għamlitilhom ix-xogħol u kien hemm każijiet fejn saħansitra ttieħdu proċeduri kontra tagħha minħabba nuqqasijiet li rriżultaw fix-xogħol imwettaq minnha. Hija saħqet li l-kaġun ta' dawn in-nuqqasijiet kien sewwasew il-materjal ħażin li kkonsenjatilha l-kumpanija konvenuta u li b'konsegwenza ta' dan, hija ġarrbet u għadha qed iġġarrab danni kbar. Għalhekk hija fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1. Tiddikjara li s-soċjetà rikorrenti sofriet danni;*

*2. Tiddikjara li s-soċjetà intimata hija responsabbli għad-danni hekk sofferti mir-rikorrenti;*

*3. Tillikwida okkorrendo permezz ta' periti nominandi d-danni hekk sofferti mis-soċjetà rikorrenti;*

*4. Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas is-somma hekk likwidata skont it-tielet talba;*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 796/17 u bl-imgħax dekorribbli mid-data ta' kull konsenja kontra s-*

*soċjetà intimata, li r-rappreżentanti u l-uffiċjali tagħha huma minn issa inġunti in subizzjoni.*

*B'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti fil-liġi.»*

3. Philip Agius & Sons Limited ressqet risposta maħlufa fl-10 ta' Lulju, 2017 u fiha qalet hekk:

*«1. Illi qabel xejn is-soċjetà rikorrenti għandha ġġib il-prova illi hija akkwistat il-materjal allegat mingħand is-soċjetà esponenti, kif qiegħda tallega;*

*2. Illi s-soċjetà esponenti hija kuntrattur tat-toroq li inter alia tibni toroq mill-bidu sal-aħħar, oltre li tipproduċi u tirriċikla materjal intiż għal dan l-iskop. Is-soċjetà esponenti tforni porzjon żgħira minn dan il-materjal lil terzi. Għalhekk is-soċjetà rikorrenti għandha tipprova wkoll x'tip ta' materjal inxtara, f'liema kwantità, fejn intuża, għal liema skop intuża u kif intuża;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għal dak hawn fuq eċċepit, l-esponenti tirrespinġi bil-qawwa kollha l-allegazzjoni infondata li l-prodott tagħha huwa b'xi mod 'inadegwat', jew mhux 'tal-kwalità rikjesta', jew ma kienx 'jirrispetta l-ispecifications u standards rikjesti';*

*4. Illi inoltre, u dejjem mingħajr preġudizzju, l-esponenti ma kkaġunat ebda dannu lis-soċjetà rikorrenti, la direttament u lanqas indirettament;*

*5. Illi finalment sta għas-soċjetà rikorrenti li ġġib il-prova tad-danni subiti, u li r-responsabbiltà għad-danni talvolta riżultanti hija unikament tas-soċjetà esponenti, kif qiegħda tallega b'din l-azzjoni;*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-waqt.»*

4. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Frar, 2020, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet kollha tal-kumpanija attriċi, bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

5. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

*«**Fatti***

*14. Jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti, Dimbros Limited, ingħatat tender*

*mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar intitolat 'Tender for Road Maintenance, Patching and Extensive Patching with Hot Asphalt', u dan f'Jannar 2013.*

*15. Jirriżulta illi, bħala kundizzjonijiet speċjali ta' tali kuntratt, ix-xogħol tal-kuntratt ġie deskritt kif ġej:*

> *«1. Road maintenance includes scarifying, levelling, re-contruction and re-surfacing of the road.*
>
> *2. If there is the need to change underlying services, the tenderer should be able to carry them out according to specifications and regulations stipulated by the official authority supplying the Service.»*

*16. Jirriżulta illi fis-16 ta' Mejju 2016, inbdew proċeduri permezz ta' Arbitraġġ kontra s-soċjetà rikorrenti mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, fejn il-pretensjoni kienet is-segwenti:*

> *«**1. A statement of facts supporting the claim***
>
> *Respondent carried a number of asphalt works in connection with the tender document attached to the Notice of Arbitration marked "Dok. SPB 1" which were not of good workmanship standards. Consequently after a couple of weeks the patches started showing serious defects. These patches must be redone. The Respondent objected to Claimants' request to have the works redone or paid for.*
>
> *The asphalt works carried out by Respondent are those found in AIC William Lewis report attached to the Notice of Arbitration and marked "Dok. SPB 2".*
>
> ***2. The point/s at issue:***
>
> *Respondent did not execute the works under the above-mentioned tender in accordance to good workmanship standards and are of an inferior quality. These works need to be redone at Respondent's expense.»*

*17. Jirriżulta illi l-Perit tal-Kunsill Lokali, ossia l-Perit William Lewis, wasal għas-segwenti konklużjoni fir-rapport tiegħu:*

> *«All the patching works carried out by Dimbros Ltd. were checked by our firm. The works that were acceptable at the time of measurement were certified while other patching works, which were not up the required standard, were not measured and thus not certified.*
>
> *Cold asphalt is a cheaper yet temporary solution for the patching of asphalted roads. It is not an ideal material for permanent application especially for roads having heavy traffic, such as these. Transport Malta specifications recommend that the maximum area of patching with cold asphalt should not be more than 0.5m$^2$. All of the patches carried out in San Pawl il-Baħar were in fact larger than 1 square meter. The fact that most of the patches are right underneath the wheel path, accelerated*

*the deterioration process.*

*In view of the fact that these patching works were carried out on heavy traffic roads, cold asphalt was not ideal to reinstate these roads with, however the bleeding in some of the patches might be a result that the mix was not appropriate.*

*It is to be noted that patching works in roads used by low volume of traffic are still in a fair state of repair.»*

*18. Jirriżulta illi fid-deċiżjoni arbitrali mogħtija fid-9 ta' Mejju 2019, l-Arbitri waslu għas-segwenti konklużjonijiet:*

*«There was no doubt that the work done by respondent was not acceptable. The arbitrators could see the terrible state of the repair works when they went on site; the architect appointed by the local council confirmed that certain works were not up to standard (even if according to Dimbros Ltd he was the architect working for Dimbros at the same time as he was the architect working for the council); the technical report submitted by the arbitrator architect Ellul Vincenti also confirmed that "from the site inspection carried out by the panel of Arbiters and from results obtained from tests carried out by Terracore, it is concluded that the materials used and the workmanship was not of the required standards".*

*....*

*Thus the arbitrators declare that the work supplied by defendant company was defective and thus defendant company should refund to plaintiff the sum of Euro 10,003.84 (Ten thousand and three euro and eighty four cents) being the amount of damages suffered by plaintiff in relation to this defective work. With interest from date of this decision.»*

*19. Jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti, permezz tax-xhieda ta' Josephine Dimech, direttur tas-soċjetà rikorrenti, u Emanuel Refalo, impjegat tas-soċjetà rikorrenti, ikkontendiet illi hija kienet tieħu l-asfalt mingħand is-soċjetà intimata, liema asfalt kien ikun dejjem 'Cold Asphalt', sabiex jagħmlu x-xogħlijiet għall-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.*

*20. Jirriżulta illi s-soċjetà intimata, da parte tagħha, tramite x-xhieda ta' Mario Agius, direttur tas-soċjetà intimata, stqarr illi s-soċjetà intimata tipproduċi kemm 'Hot Asphalt' illi jintuża għall-uċuħ permanenti ta' toroq illi hija tieħu ħsieb tagħmel ukoll, kif ukoll, fi kwantitajiet iżgħar, 'Cold Asphalt', illi jintuża f'emerġenzi. Stqarr ukoll illi l-'Hot Asphalt' jinbiegħ bil-€120 it-tunellata filwaqt illi l-'Cold Asphalt' jinbiegħ bil-€75 it-tunnellata.*

***Konsiderazzjonijet***

*21. Jirriżulta illi l-kwistjoni kollha illi għandha quddiemha dina l-Qorti hija jekk il-materjal mogħti lis-soċjetà rikorrenti mis-soċjetà intimata kienx tal-kwalità pattwita jew le, u għalhekk, jekk is-soċjetà intimata kinitx*

*responsabbli għad-danni lejn is-soċjetà rikorrenti.*

*22. Il-Qorti tosserva, madanakollu, illi, l-ewwel u qabel kollox, il-Qorti trid tara l-obbligi assunti mis-soċjetà rikorrenti ma' terzi, ossia l-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, u l-involviment tas-soċjetà intimata fl-implimentar ta' tali obblgi da parti tas-soċjetà rikorrenti.*

*23. Jirriżulta, mill-kuntratt mogħti lis-soċjetà rikorrenti mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, illi s-servizz pretiż mis-soċjetà rikorrenti kien "for road maintenance, patching and extensive patching with Hot Asphalt".*

*24. Jirriżulta illi l-ilmenti illi qajjem il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar kien ta' varji xogħlijiet illi saru mis-soċjetà rikorrenti bl-utilizz ta' 'Cold Asphalt', liema xogħlijiet ma kinux tal-kwalità mistennija stante illi t-toroq kienu baqgħu fi stat ħazin ħafna, kif jidhru fir-ritratti inkluż fir-rapport redatt mill-Perit Etienne Magri, wara aċċess dettaljat illi sar ġewwa varji toroq ġewwa San Pawl il-Baħar fil-15 ta' Frar 2017.*

*25. Jirriżulta fir-rapport tal-Perit Joseph Ellul Vincenti, wieħed mit-tliet Arbitri inkarigati mill-Arbitraġġ fuq imsemmi, illi huwa kkonstata s-segwenti:*

> *«During the site visit, both parties (Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar u Dimbros Limited) agreed and confirmed that all the patchwork was carried out using cold asphalt, in spite of the fact that potholes larger than five sq. m. had to be carried out with hot asphalt. It was alleged that cold asphalt was used even on patches larger than 5 sq. m. because the Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar informed Respondent that they were short of funds and instructed that cold asphalt be used throughout.»*

*26. Jirriżulta, mill-deċiżjoni tal-Arbitraġġ fuq indikat, illi x-xhieda tekniċi kollha kienu indikaw illi 'Cold Asphalt' jintuża biss għall-riparazzjonijet temporanji u ta' emerġenza sabiex jevitaw xi periklu u dana ma jintużax sabiex tittranġa medda kbira ta' triq, kif attwalment għamlet is-soċjetà rikorrenti fil-varji toroq fejn il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar ilmenta mix-xogħol tagħhom.*

*27. Jirriżulta ċar, mill-provi prodotti, illi s-soċjetà rikorrenti utilizzat 'Cold Asphalt' prodott mis-soċjetà intimata sabiex tipprova tirranġa meded sħaħ ta' toroq ġewwa San Pawl il-Baħar, sabiex tekonomizza peress illi l-Kunsill Lokali, allegatament, ma kellux fondi għall-użu ta' 'Hot Asphalt'.*

*28. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi d-danni pretiżi mis-soċjetà rikorrenti mingħand is-soċjetà intimata ma humiex dovuti għall-fatt illi l-materjal ipprovdut mis-soċjetà intimata kien ta' kwalità inferjuri minn dak pretiż, iżda kien dovut għal fatt illi tali materjal ma ntużax għall-użu illi għalih kien intiż, ossia 'patching' ta' emerġenza, iżda ntuża sabiex meded sħaħ ta' toroq jiġu mgħottija mill-ġdid sabiex jippruvaw jiġu rranġati.*

*29. Il-Qorti, għalhekk, ma għandha ebda dubju, illi d-danni illi tikkontendi*

> *li sofriet is-soċjetà rikorrenti ma kinux riżultat ta' materjal ħażin, iżda kienu riżultat ta' użu ħażin da parti tas-soċjetà rikorrenti tal-materjal mgħoddi lilha mis-soċjetà intimata, liema danni ċertament ma tista' qatt tbatihom is-soċjetà intimata.*
>
> *30. Huwa għalhekk illi l-Qorti **ma tistax** tasal għall-konklużjoni illi l-pretensjonijiet rikorrenti jistħoqqilhom illi jintlaqgħu.»*

6. Il-kumpanija attriċi appellat minn din is-sentenza b'rikors imressaq fl-4 ta' Mejju, 2020, fejn hija lmentat li l-Ewwel Qorti għarblet il-provi b'manjiera ħażina u dan wassalha biex tħaddem b'mod ħażin ukoll il-liġi.

7. Il-kumpanija konvenuta wieġbet għal dan l-appell fil-21 ta' Mejju, 2020 u fir-risposta hija tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud.

8. Inżamm smigħ fid-29 ta' Frar, 2024 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

9. Fl-aggravju waħdieni tagħha l-kumpanija attriċi tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet ta' fatt li huma żbaljati. Hija tgħid li huwa minnu li s-sejħa pubblika dwar l-asfaltar tat-toroq fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar kienet tistipula li kellu jintuża asfalt li jaħraq. Madankollu, hija tisħaq li bil-kontra ta' dak dikjarat mill-Ewwel Qorti, id-deċiżjoni li jintuża asfalt kiesaħ minflok dak jaħraq, ma kinitx tagħha iżda kienet sewwasew

tal-Kunsill Lokali.

10. Issostni wkoll li għalkemm l-Ewwel Qorti kkonkludiet li x-xogħlijiet ta' asfaltar li twettqu mill-kumpanija attriċi ma sarux kif suppost, għaliex il-kumpanija attriċi użat asfalt kiesaħ, li ma kienx tajjeb biex jitgħattew mill-ġdid bl-asfalt, meded sħaħ ta' toroq, fid-deċiżjoni dwar l-arbitraġġ li fetaħ il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar kontra l-kumpanija attriċi, kien instab li lanqas il-materjal ta' asfalt li ntuża ma kien tal-livell meħtieġ. Hija tissokta tgħid li t-tqegħid tal-asfalt kien sar ħażin b'konsegwenza tal-fatt li l-materjal provdut mill-kumpanija konvenuta kien ta' kwalità ħażina. Ittenni li għalkemm fid-deċiżjoni tal-arbitraġġ ġie ddikjarat li hija ma messha qatt aċċettat li twettaq ix-xogħlijiet bl-asfalt kiesaħ, dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-materjal provdut lilha mill-kumpanija konvenuta ma kienx ta' kwalità tajba.

11. Il-kumpanija attriċi tagħlaq billi tgħid li hija rnexxielha tipprova l-elementi kollha tal-azzjoni mibdija minnha, jiġifieri: (i) li l-materjal li kkonsenjatilha l-kumpanija konvenuta ma kienx tal-livell mitlub u meħtieġ, u dan kif ikkonkluda l-Perit William Lewis wara li wettaq it-testijiet fuq l-asfalt; u (ii) li hija ġarrbet id-danni minħabba l-materjal ħażin li xtrat mingħand il-kumpanija konvenuta. Tisħaq li għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-talbiet tagħha u mhux tiċħadhom.

12. Mill-premessi u mit-talbiet imressqa mill-kumpanija attriċi fir-rikors maħluf tagħha, jirriżulta ċar li l-kawża hija bbażata fuq il-konsenja ta' ħaġa li mhijiex tajba għall-iskop li nxtrat. Jiġi b'hekk, li l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq dak li jipprovdi l-**Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili** li jgħid li jekk oġġett li l-bejjiegħ iġib ma jkunx tal-kwalità miftiehma, ix-xerrej għandu l-jedd li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni jew li jilqa' l-ħaġa bi prezz imnaqqas (ara ***Louis Farrugia v. S & R (Ħandaq) Ltd*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Marzu, 2012 u ***Dr Louis Buhagiar v. UCIM CO Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2019).

13. Fil-każ tagħna, il-kumpanija attriċi mhix qiegħda titlob tnaqqis fil-prezz iżda qiegħda titlob sewwasew li titħallas id-danni, li skont prospett imressaq minnha fl-atti tal-kawża, jikkonsistu kemm fil-prezz li hija ħallset biex xtrat il-materjal mingħand il-kumpanija konvenuta u kif ukoll fl-ammont ta' flus li hija ġiet ikkundanatta tħallas lill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar fl-arbitraġġ bin-numru 4727/2016, flimkien mal-ispejjeż tal-arbitraġġ u l-interessi fuq dak l-ammont.

14. Min-naħa tagħha, il-kumpanija konvenuta ma għamlet ebda oġġezzjoni jew oppożizzjoni għan-natura tal-azzjoni, tant li l-eċċezzjonijiet tagħha huma biss fil-mertu, fis-sens li l-asfalt li hija kkonsenjat lill-kumpanija attriċi kien skont il-kwalità miftiehma u li hija ma kkawżat ebda danni lill-kumpanija attriċi, la direttament u lanqas

indirettament. Fil-fatt, il-kumpanija konvenut lanqas ressqet xi eċċezzjoni li l-kawża ma saritx fi żmien sentejn minn dakinhar tal-bejgħ, kif trid il-liġi, fl-**Artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili**.

15. Huma dawn il-parametri tal-azzjoni u għalhekk din il-Qorti hija marbuta bihom.

16. Il-Qorti tqis li għall-finijiet tal-**Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili**, huwa mifhum li l-frażi *«kwalità miftiehma»* tirreferi għal: (i) kwalità jew kwalitajiet li huma essenzjali għall-użu tal-ħaġa; jew inkella (ii) kwalità jew kwalitajiet li jiffurmaw l-oġġett ta' xi impenn kuntrattwali speċifiku. Għalhekk, sabiex jitqies sewwa jekk ix-xerrej għandux tassew il-jedd li jitlob il-ħall tal-bejgħ u d-danni fuq is-saħħa tal-artikolu tal-liġi, hawn fuq imsemmi, il-Qorti għandha: (i) l-ewwel u qabel kollox tistħarreġ jekk kienx hemm xi kwalitajiet partikolari li l-partijiet qablu dwarhom, u dan dejjem fir-rigward tal-ħaġa mixtrija; u (ii) tistħarreġ x'kien l-iskop li għalih ix-xerrej xtara l-ħaġa, biex b'hekk tqis jekk il-ħaġa mixtrija għandhiex dawk il-kwalitajiet essenzjali sabiex ix-xerrej ikun jista' jużaha bil-mod kif xtaq (ara ***John Borg et v. Welcome Auto Dealer Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023).

17. Ġeneralment, il-liġi titlob li n-nuqqas ta' qbil fil-kwalità miftiehma tal-ħaġa mibjugħa jkun wieħed rilevanti. Tassew, l-azzjoni ma tistax tirnexxi fejn in-nuqqas jirriżulta li jkun marġinali, jekk kemm-il darba, bih u

mingħajru, ix-xerrej ikun jista' jinqeda bil-ħaġa mixtrija xorta waħda jew jekk il-ħaġa tkun ta' fejda għax-xerrej minkejja dak in-nuqqas (ara ***Morina Aquasport Ltd v. Eastern Star Ltd*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-31 ta' Mejju, 2012 u ***Multi Packaging Limited v. Thomas Linke et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2013).

18. Fil-każ tagħna, minn għarbiel tal-provi x'aktarx xotti li tressqu miż-żewġ partijiet fil-kawża, jirriżulta biss li l-kumpanija attriċi xtrat asfalt kiesaħ mingħand il-kumpanija konvenuta. Skont il-kumpanija attriċi, dan l-asfalt kiesaħ eventwalment intuża minnha fix-xogħlijiet fit-toroq li hija wettqet għall-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. Madankollu, imkien fl-atti tal-kawża ma ntwera li l-partijiet kienu ftehmu dwar il-livell jew il-kwalità li kellu jkollu dan l-asfalt kiesaħ; jew saħansitra li l-kumpanija attriċi kienet għarrfet lill-kumpanija konvenuta dwar l-użu li hija kienet beħsiebha tagħmel mill-asfalt kiesaħ.

19. Issa, skont rapport imħejji mill-Perit William Lewis, l-aħjar materjal li jista' jintuża biex jintlew il-ħofor fit-toroq huwa l-asfalt li jkun jaħraq għaliex dan iservi aktar. Min-naħa l-oħra, skont il-perit, l-asfalt kiesaħ huwa irħas minn dak li jaħraq u skont direzzjoni maħruġa minn Transport Malta, dan għandu jintuża biss: (i) fuq ħofor ta' daqs żgħir, jiġifieri fuq ħofor li jkunu iżgħar minn nofs metru kwadru ($0.5m^2$); (ii) fuq toroq li ma jgħaddix ħafna traffiku minnhom; u (iii) bħala metodu ta' tiswija temporanja.

20. Ġara iżda, li ħafna mit-toroq f'San Pawl il-Baħar, li fihom il-kumpanija attriċi wettqet ix-xogħlijiet bl-asfalt kiesaħ, kienu sewwasew toroq li minnhom jgħaddu ħafna vetturi. Barra minn hekk, il-kumpanija attriċi użat l-asfalt kiesaħ, li xtrat mingħand il-kumpanija konvenuta, biex twitti ħofor li lkoll kienu akbar mid-daqs hawn fuq imsemmi. Minħabba li x-xogħlijiet ma kellhom qatt jitwettqu bl-asfalt kiesaħ, iżda kellhom isiru sewwasew bl-asfalt li jaħraq, skont il-Perit Lewis ix-xogħol ma sarx tajjeb u l-asfalt spiċċa biex reġa' nqala' wara ftit taż-żmien – konklużjoni li ntlaħqet ukoll mill-Perit Joseph Ellul Vincenti, li kien wieħed mill-arbitri fil-proċeduri ta' arbitraġġ mibdija mill-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar kontra l-kumpanija attriċi. Huwa għalhekk ċar li l-kumpanija attriċi għamlet użu ħażin minn dan l-asfalt kiesaħ.

21. Jista' jkun li huwa minnu dak li allegat il-kumpanija attriċi, jiġifieri li hija spiċċat għamlet ix-xogħlijiet bl-asfalt kiesaħ u mhux bl-asfalt li jaħraq, kif kienet tgħid is-sejħa pubblika, fuq struzzjonijiet maħruġa mill-Kunsill Lokali stess minħabba li dan ma kellux biżżejjed fondi biex iħallas għal xogħlijiet imwettqa b'asfalt li jaħraq. Madankollu, din il-Qorti ma tifhimx kif f'dan kollu, iżżeffnet fin-nofs il-kumpanija konvenuta, li ma kellha l-ebda sehem fid-deċiżjoni li jintuża l-asfalt kiesaħ u li saħansitra ma kellha ebda ħjiel li l-asfalt kiesaħ mibjugħ minnha kien sejjer jintuża ħażin. Dan huwa argument li seta' kellu rilevanza fl-arbitraġġ mibdi kontriha mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, iżda ma jista' jservi ta' ebda fejda fil-konfront

tal-kumpanija konvenuta f'din il-kawża.

22. Fuq kollox, huwa prinċipju ewlieni fid-dritt li l-imġarrab ma jistax jippretendi ħlas ta' kumpens meta jkun huwa nnifsu li ta lok għall-ħsara bl-użu ħażin tal-oġġett mixtri minnu (ara ***Louis Farrugia v. S & R (Ħandaq) Ltd*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Marzu, 2012). Minn qari tad-deċiżjoni tal-arbitraġġ, jirriżulta li l-kumpanija attriċi kienet taf minn qabel li xogħol imwettaq bl-asfalt kiesaħ ma kienx sejjer ikun ta' kwalità tajba. Kemm hu hekk, jingħad fid-deċiżjoni li Joyce Dimech kienet tat parir lill-Kunsill Lokali li x-xogħol kien jitwettaq aħjar li kieku dan sar bl-asfalt li jaħraq.

23. Il-Qorti jidhrilha li l-kumpanija attriċi, bħala entità li rebħet sejħa pubblika biex tagħmel xogħlijiet fit-toroq, kien messha waqfet mill-ewwel lill-Kunsill Lokali u rrifjutat li twettaq ix-xogħlijiet bl-asfalt kiesaħ, jekk hija tabilħaqq ingħatat ordni f'dan is-sens mingħand il-Kunsill Lokali. Bil-fatt li wettqet ix-xogħol, bl-għarfien minn qabel li dan ma kienx sejjer ikun adegwat, il-kumpanija attriċi waqqgħet il-ġebla fuq saqajha u ġabet ħsara lilha nnifisha, li bniedem għaqli kien mistenni li ma jġarrabx.

24. Tgħid x'tgħid fl-appell tagħha, il-kumpanija attriċi baqgħet ma ressqitx prova waħda li turi b'mod ċar u dirett li l-asfalt provdut lilha mill-kumpanija konvenuta ma kienx ta' kwalità tajba. Dan l-obbligu tal-prova, skont ir-regola tradizzjonali li *«onus probandi incumbit ei qui dicit non ei*

*qui negat»*, kien imiss lilha (ara l-**Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**).

25. Għalkemm huwa minnu, kif tgħid il-kumpanija attriċi, li fid-deċiżjoni tal-arbitraġġ, hawn fuq imsemmi, kien hemm sejba ġenerali li kemm il-materjal użat mill-kumpanija attriċi u kif ukoll ix-xogħlijiet imwettqa minnha ma kinux tal-livell meħtieġ u mistenni, din il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq kumment magħmul minn tribunal ieħor mingħajr ma jkunu nġabu l-provi meħtieġa quddiemha f'dan ir-rigward.

26. Lanqas hija siewja l-kumpanija attriċi meta tgħid li l-Perit William Lewis kien ikkonkluda li l-asfalt kiesaħ użat minnha ma kienx tal-livell meħtieġ. Kull ma osserva l-Perit Lewis kien li fuq uħud mill-ħofor li ġew imsewwija mill-kumpanija attriċi, instabet id-dmija fl-asfalt *(bleeding)*, li huwa materjal li jleqq qisu mera u li jwaħħal, li jinġema' fil-wiċċ tat-triq. F'dan ir-rigward, il-perit ikkummenta li din id-dmija setgħet kienet konsegwenza tal-fatt li t-taħlita użata u mixtrija mill-kumpanija attriċi ma kinitx tajba.

27. Madankollu, din il-Qorti ma tistax toqgħod fuq suppożizzjoni li lanqas il-perit Lewis ma kien għalkollox ċert minnha. Wara kollox, fir-rapport tiegħu l-Perit Lewis innota li x-xogħlijiet ta' mili ta' ħofor li saru bl-asfalt kiesaħ f'toroq li mhumiex daqstant traffikużi, kienu għadhom f'qagħda tajba. Dan ifisser, li bil-maqlub ta' dak li qiegħda tallega l-

kumpanija attriċi, il-wiċċ tat-toroq li minnhom jgħaddi ħafna traffiku spiċċa biex reġa' nqala' f'qasir żmien wara li sar ix-xogħol, mhux għaliex l-asfalt kiesaħ li pprovdiet il-kumpanija konvenuta ma kienx ta' kwalità tajba, iżda sewwasew għaliex f'dawk it-toroq il-kumpanija attriċi ma kellhiex tuża asfalt kiesaħ imma kellha tuża asfalt li jaħraq. B'hekk il-kumpanija attriċi ma tista' titfa' ebda tort fuq il-kumpanija konvenuta għal dak li ġara.

28. Għalhekk, meqjus dan kollu, l-appell tal-kumpanija attriċi qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell ta' Dimbros Limited u tikkonferma f'kollox is-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
ss